

31986R1030

10.4.1986

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 95/13

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1030/86****tat-8 ta' April 1986****dwar il-klassifika ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 73.40 B tat-Tariffa Doganali Komuni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2055/84 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Billi, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-klassifika ta' ħolqa għaċ-ċwieviet li tikkonsisti f'katina żgħira ta' l-azzar ibbanjata bin-nikil ta' bejn wiehded u ieħor 3 cm tul, b'ħolqa, fuq tarf wiehded, ta' l-istess metall li tista' tinfetaħ u tingħalaq u fuq l-ieħor kopertina protettiva żgħira ta' materjal plastiku (5 × 2,5 cm) li jkun fiha ktieb żgħir ħafna ta' l-indirizzi, li l-kopertina tiegħu jkollha messaġġ promozzjonali;

Billi t-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3679/85 <sup>(4)</sup>, telenka ġo l-intestatura Nru 73.40 oġġetti oħra tal-ħadid jew l-azzar u ġo l-intestatura Nru 48.18, fost affarijiet oħra, reġistri, pitazzi, kotba għal annotazzjonijiet, blokki għal memoranda, kotba ta' l-ordnijiet, kotba ta' l-irċevuti u djarji; billi dawn l-intestaturi jistgħu jitqiesu fil-klassifika ta' l-oġġetti in kwestjoni;

Billi l-ħolqa taċ-ċwieviet hija oġġett kompost; billi l-ktieb ta' l-indirizzi huwa żgħir wisq biex ikollu użu prattiku; billi l-ħolqa u l-katina ż-żgħira, ta' l-azzar ibbanjat bin-nikil, jagħtu lill-oġġett, meta wiehded iqis l-użu normali tiegħu, il-karattru essenzjali tiegħu fis-sens tar-Regoli Ġenerali 3 (b) għall-interpretazzjoni tan-

nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni; billi l-ħolqa taċ-ċwieviet għandha għalhekk tiġi kklassifikata fis-subintestatura 73.40 B;

Billi l-miżuri previsti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ħolqa għaċ-ċwieviet li tikkonsisti f'katina żgħira ta' l-azzar ibbanjata bin-nikil ta' bejn wiehded u ieħor 3 cm tul, b'ħolqa, fuq tarf wiehded, ta' l-istess metall li tista' tinfetaħ u tingħalaq u fuq l-ieħor kopertina żgħira protettiva ta' materjal plastiku (5 × 2,5 cm) li jkun fiha ktieb żgħir ħafna ta' l-indirizzi, li l-kopertina tiegħu jkollha messaġġ promozzjonali, għandha tiġi kklassifikata fit-Tariffa Doganali Komuni fis-subintestatura:

73.40 Oġġetti oħra tal-ħadid jew ta' l-azzar:

B. Oħrajn.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' April 1986.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 191, tad-19.7.1984, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 351, tat-28.12.1985, p. 2.